# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

18 ta' Diċembru 2014*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Moviment liberu tal-kapital — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq id-donazzjonijiet — Eżenzjoni fir-rigward ta' 'dominju rurali' — Eżenzjoni eskluża fir-rigward ta' dominju li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor"

Fil-Kawża C-133/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Marzu 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Marzu 2013, fil-proċedura

**Staatssecretaris van Economische Zaken,**

**Staatssecretaris van Financiën**

vs

**Q,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, K. Lenaerts, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qed jaġixxi bħala Mħallef tat-Tieni Awla, J.-C. Bonichot (Relatur), A. Arabadjiev u J. L. da Cruz Vilaça, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Mejju 2014,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Q, minn A. Bakker u D. Smit, assistiti minn M. Hamer, avukat,

— għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn B. Koopman, K. Bulterman u J. Langer, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u K. Petersen, bħala aġenti,

— għall-Gvern Spanjol, minn A. Rubio González, bħala aġent,

— għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas u J.-S. Pilczer, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Brighouse, bħala aġent, assistita minn R. Hill, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Roels u W. Mölls, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2014,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 63 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, l-iStaatssecretaris van Economische Zaken (Segretarju tal-Istat għall-affarijiet ekonomiċi) u l-iStaatssecretaris van Financiën (Segretarju tal-Istat għall-finanzi) u, min-naħa l-oħra, Q, dwar ir-rifjut min-naħa tal-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi li jirrikonoxxu l-kwalità ta' dominju rurali ("landgoed") fir-rigward ta' proprjetà li Q tippossjedi fi Stat Membru li ma huwiex ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, b'tali mod li b'hekk iċaħħduha mill-possibbiltà li tiġi eżentata d-donazzjoni ta' din il-proprjetà li hija tixtieq tagħmel.

### Id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi

3 L-Artikolu 1 tal-Liġi tal-1956 dwar is-suċċessjoni (Successiewet 1956, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar is-suċċessjoni") jipprovdi:

"1. Skont din il-Liġi, għandhom jinġabru t-taxxi segwenti:

[...]

2. it-taxxa fuq id-donazzjonijiet fuq il-valur ta' dak kollu li jinkiseb permezz tad-donazzjoni minn persuna li kienet tirrisjedi fil-Pajjiżi l-Baxxi meta saret id-donazzjoni;

[...]"

4 L-Artikolu 5 tal-Liġi dwar is-suċċessjoni huwa fformulat kif ġej:

"[...]

2. It-taxxa fuq id-donazzjonijiet hija miġbura fuq dak li jirċievi d-donatarju, jekk ikun il-każ wara li jitnaqqsu l-oneri u l-piżijiet previsti favur id-donatur jew terz".

5 L-Artikolu 1 tal-Liġi tal-1928 dwar il-protezzjoni ta' siti naturali (Natuurschoonwet 1928, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-protezzjoni ta' siti naturali") jipprovdi:

"1. Għall-finijiet ta' din il-Liġi:

a. 'dominju rurali' jfisser: proprjetà immobbli li tinsab fil-Pajjiżi l-Baxxi li kollha kemm hi jew parzjalment tkun tmiss ma' riżorsi naturali, foresti jew popolazzjonijiet oħrajn ta' siġar, inkluża proprjetà immobbli li fiha jkun hemm dar tal-kampanja jew bini ieħor karatteristiku ta' dominju rurali, sakemm il-manutenzjoni ta' dan id-dominju rurali bid-dehra karatteristika tiegħu tkun mixtieqa fir-rigward tal-preżervazzjoni tas-sbuħija naturali;

b.

'proprjetarju' jfisser:

1° il-proprjetarju ta' proprjetà immobbli li ma hijiex suġġetta għad-dritt limitat ta' użufrutt jew ta' enfitewżi, ħlief għall-każijiet previsti fil-paragrafu 3;

2° l-użufruttwarju jew l-enfitewta, ħlief għall-każijiet previsti fil-paragrafu 3;

c. 'titolu ekonomiku' jfisser: sistema ta' drittijiet u obbligi li jikkonċernaw proprjetà immobbli li tirrappreżenta sehem fl-imsemmija proprjetà. Is-sehem għandu jinkludi minn tal-inqas ċertu riskju ta' varjazzjoni fil-valur u għandu jappartjeni lil persuna li ma tkunx il-proprjetarju ċivili. L-għoti tas-sempliċi dritt ta' kunsinna ma għandux jitqies bħala trasferiment ta' titolu ekonomiku;

d. 'Ministru tagħna' jfisser: il-Ministru tal-Affarijiet ekonomiċi, tal-agrikoltura u tal-innovazzjoni;

e. 'Ministri tagħna' jfissru: il-Ministru tal-Affarijiet ekonomiċi, tal-agrikoltura u tal-innovazzjoni u l-Ministru tal-finanzi.

2. Permezz jew bis-saħħa ta' miżura ġenerali amministrattiva, għandhom jiġu adottati regoli fir-rigward tal-kundizzjonijiet li għandhom ikunu ssodisfatti minn proprjetà immobbli sabiex tkun tista' titqies li hija dominju. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jikkonċernaw:

a. l-erja tal-proprjetà immobbli, li tista' tinkludi wkoll l-erja ta' proprjetà immobbli li tmiss magħha u li hija meqjusa bħala dominju rurali jew bħala li tifforma tali dominju flimkien mal-ewwel proprjetà immobbli msemmija jekk ikun hemm rabta storika mill-qrib bejn iż-żewġ proprjetajiet immobbli;

b. il-perċentwali tal-erja tal-proprjetà immobbli li għandha minn tal-inqas tkun koperta b'żoni naturali, foresti jew spazji oħra bis-siġar, kif ukoll in-natura ta' dawn iż-żoni naturali, tal-foresti u ta' spazji oħra bis-siġar;

c. id-daqs u n-natura tal-artijiet li ma jkunux koperti b'żoni naturali, foresti jew spazji oħra bis-siġar, irrispettivament minn jekk ikunux marbuta man-natura tal-artijiet li jmissu direttament mal-proprjetà immobbli;

d. il-mod u t-tip ta' kostruzzjoni;

e. it-tip ta' użu li jsir mill-artijiet u mill-bini.

[...]"

6 L-Artikolu 2 tal-Liġi dwar il-protezzjoni ta' siti naturali jipprovdi:

"1. Il-proprjetarju li jkun jixtieq li l-proprjetà immobbli tiegħu tiġi rrikonoxxuta bħala dominju rurali għandu jressaq quddiem il-Ministri tagħna applikazzjoni ddettaljata li tiġi ppreżentata permezz tal-Ministru tagħna.

[...]

4. Il-Ministri tagħna għandhom jieħdu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni permezz ta' deċiżjoni konġunta."

7 L-Artikolu 7 tal-Liġi dwar il-protezzjoni ta’ siti naturali jipprovdi:

“1. Jekk skont [il-Liġi dwar is-suċċessjoni], akkwist ikun jinvolvi proprjetà immobbli li tkun ġiet iddikjarata bħala dominju rurali u jekk ikunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu segwenti, ma għandhiex tiġi ntaxxata d-differenza bejn it-taxxa fuq id-donazzjoni jew fuq il-wirt stabbilita permezz ta’ deċiżjoni, u t-taxxa dovuta jekk din il-proprjetà tiġi stmata b’nofs il-valur ekonomiku li kien ġie attribwit lilha fil-mument tal-akkwist, bil-kundizzjoni li l-proprjetà immobbli tinżamm għal 25 sena bħala tali u li ma jinqatax iktar injam minn siġar twal milli jkun meħtieġ jew meqjus normali skont ir-regoli tal-forestrija komuni. Jekk id-dominju rurali jkun aċċessibbli għall-pubbliku b’osservanza tar-regoli approvati mill-Ministri tagħna, il-valur tal-imsemmi dominju, b’deroga mis-sentenza preċedenti, ikun stmat bħala żero.

[...]”

8 L-Artikolu 1 tad-deċiżjoni ta’ klassifikazzjoni meħuda skont il-Liġi dwar il-protezzjoni ta’ siti naturali jipprovdi:

“1. Għall-finijiet ta’ din id-deċiżjoni:

a. ‘dominju rurali’ jfisser: kull dominju previst fl-Artikolu 1(1)(a) tal-Liġi [...] dwar il-protezzjoni ta’ siti naturali;

b. ‘spazji bis-siġar’ ifissru: l-ispazji bis-siġar komposti minn speċi li ma humiex speċi ġestiti fil-kuntest ta’ tkabbir ta’ siġar, siġar tal-Milied, artijiet miżrugħa b’siġar żgħar jew b’siġar tal-ispeċi żafżafa;

c. ‘residenza’ tfisser: proprjetà immobbli fil-forma ta’ dar oriġinarjament iffortifikata, kastell, dar tal-kampanja jew dar sinjorili tal-kampanja, inklużi l-annessi eventwali tagħhom, imdawrin bi ġnien jew b’park storiku li flimkien jifformaw entità arkitettonika waħda ta’ minn tal-inqas ettaru, li l-istabbiliment tagħhom jippreċedi l-1850 u li jistgħu jiġu rrikonoxxuti jekk dan il-kumpless, jew minn tal-inqas wieħed mill-elementi kostitwenti tiegħu, huwa bini protett inkluż f’wieħed mir-reġistri previsti fl-Artikolu 6(1) tal-Liġi tal-1988 dwar il-monumenti storiċi;

d.

‘żoni naturali’ jfissru:

1° xagħri, artijiet bil-pit, bassasi, duni li jiċċaqalqu, artijiet b’duni, meded b’ilma mielaħ, kanali, bassasi b’ilma mielaħ, żoni li jmissu ma’ wċuħ tal-ilma u li huma suxxettibbli għal għargħar, meded bit-tajn, bajjiet miksijin bl-alka, artijiet mistagħdra miksijin bil-qasab, meded ta’ art neqsin mill-ilma u miksija b’siġar jew pjanti baxxi, masġar b’siġar li jikbru sfiq ġo xulxin, artijiet mistagħdra, għadajjar bit-tajn, għadajjar, xmajjar, xmajjar żgħar, għadajjar, mogħdijiet tal-ilma magħluqa, nixxigħat, sorsi u nixxigħat ta’ ilma, sa fejn dawn l-artijiet ma jintużawx bħala art agrikola;

2° mergħat ikkaratterizzati mill-preżenza ta’ ġebla tal-ġir, mergħat bil-fjuri f’żoni kkaratterizzati mill-preżenza ta’ għoljiet, mill-preżenza ta’ ramel jew pit jew f’żoni bi xmajjar u suxxettibbli għal għargħar, mergħat umdi b’kisi limitat, meded bi fjuri f’widien bi xmajjar jew b’żoni b’pit u tafal, mergħat umdi b’kisi medju f’termini ta’ sustanzi nutrittivi, mergħat nixfin u mingħajr kisi fuq artijiet għoljin, mergħat b’duni nixfin u bi ftit ġir, mergħat b’duni nixfin u b’ħafna ġir u mergħat umdi u kkaratterizzati mill-preżenza ta’ melħ li jinsabu ’l bogħod mill-baħar, sa fejn dawn l-artijiet jintużaw biss bħala mergħat għat-trobbija tal-annimali jew bħala mergħat mhux maħduma u jkunu kkaratterizzati mill-preżenza ta’ tipi ta’ veġetazzjoni li normlament jinsabu fuq dawn il-mergħat.

[...]".

9 L-Artikolu 2 tad-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni meħuda skont il-Liġi dwar il-protezzjoni ta' siti naturali jipprovdi:

"1. Sabiex tkun tista' tiġi kklassifikata bħal dominju rurali, proprjetà immobbli għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet segwenti:

a. l-imsemmija proprjetà immobbli jkollha erja ta' minn tal-inqas 5 ettari;

b. l-artijiet u l-uċuħ tal-ilma li jikkostitwixxu l-proprjetà immobbli jifformaw territorju konness;

c. mill-inqas 30 % tal-erja tal-proprjetà immobbli tkun koperta minn foresta jew żoni naturali;

d. l-użu li jista' jsir mill-proprjetà immobbli ma jippreġudikax is-sit naturali.

2. Jekk l-artijiet, il-bini u l-uċuħ tal-ilma li jikkostitwixxu l-proprjetà immobbli jew l-użu li jsir minnha jippreġudikaw is-sit naturali, l-imsemmija artijiet, bini jew uċuħ tal-ilma ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala parti mill-proprjetà immobbli li għandha tiġi kklassifikata bħala dominju rurali.

[...]"

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

10 Q, li hija residenti fiskali fil-Pajjiżi l-Baxxi, hija proprjetarja ta' dominju li jinsab fir-Renju Unit ("The Bean House"), li għandha l-intenzjoni li tagħti b'donazzjoni lit-tifel tagħha.

11 Bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi, tali donazzjoni tista' tkun, kompletament jew parzjalment, eżentata mit-taxxa bil-kundizzjoni, b'mod partikolari, li "The Bean House" ikollha n-natura ta' dominju rurali fis-sens tal-Liġi dwar il-protezzjoni ta' siti naturali, u għalhekk li tkun tinsab fil-Pajjiżi l-Baxxi.

12 Q talbet mingħajr suċċess lill-awtoritajiet fiskali tal-Pajjiżi l-Baxxi sabiex jirrikonoxxu din il-proprjetà bħala tali dominju rurali.

13 Il-qorti tar-rinviju, fuq rikors ippreżentat minn Q, qieset li d-dritt għal eżenzjoni mit-taxxa fuq id-donazzjonijiet ma jistax ikun limitat għad-dominji rurali li jinsabu fil-Pajjiżi l-Baxxi. Skont dik il-qorti, l-ostakolu għall-moviment liberu tal-kapital li jirriżulta minn tali limitazzjoni la huwa ġġustifikat mill-interess ta' dan l-Istat Membru li jipproteġi l-patrimonju naturali u kulturali tiegħu u lanqas mill-ħtieġa li tkun żgurata l-effikaċja tal-kontrolli fiskali.

14 Adit b'appell ippreżentat mill-iStaatssecretaris van Economische Zaken u mill-iStaatssecretaris van Financiën, ir-Raad van State (Kunsill tal-Istat), li jikkunsidra wkoll li hija involuta restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, għandu dubju dwar il-ġustifikazzjonijiet identifikati mill-qorti tal-ewwel istanza. L-awtoritajiet fiskali tal-Pajjiżi l-Baxxi sostnew, quddiem ir-Raad van State, li l-ostakolu huwa ġġustifikat mid-diffikultajiet prattiċi li jippreżentaw il-kontrolli fiskali fi Stat Membru li ma jkunx ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi vverifikat jekk il-proprjetarji jkunux qegħdin josservaw l-impenn tagħhom li jżommu d-dominju rurali għal perijodu ta' 25 sena. F'dan ir-rigward, ir-Raad van State għandu dubju dwar sa fejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra huma obbligati jassistu lill-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi fil-kontrolli tagħhom.

15 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li r-Raad van State ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-importanza tal-preżervazzjoni ta' siti naturali nazzonali u tal-patrimonju kulturali u storiku, fis-sens [tal-Liġi dwar il-protezzjoni ta' siti naturali], tikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tiġġustifika leġiżlazzjoni li permezz tagħha l-applikazzjoni ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq id-donazzjonijiet (vantaġġ fiskali) hija rriżervata għad-dominji rurali li jinsabu fil-Pajjiżi l-Baxxi?

2) a) Fil-kuntest ta' investigazzjoni intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk proprjetà immobbli li [t]insab fi Stat Membru ieħor [t]istax [t]iġi kklassifikat[a] bħala dominju rurali fis-sens [tal-Liġi dwar il-protezzjoni ta' siti naturali], l-awtoritajiet ta' Stat Membru jistgħu, sabiex jiksbu l-assistenza tal-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn tinsab il-proprjetà immobbli, jinvokaw id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE, tas-16 ta' Marzu 2010, dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra [(ĠU L 84, p. 1)], meta l-klassifikazzjoni bħala dominju rurali abbażi tal-liġi ċċitata iktar 'il fuq għandha l-effett li tagħti lok għal dritt għal eżenzjoni mill-ġbir tat-taxxa fuq id-donazzjonijiet dovuta fid-data tad-donazzjoni tal-proprjetà immobbli inkwistjoni?

b) F'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-mistoqsija 2.a), il-kunċett ta' 'indaġni amministrattiva' li jinsab fl-Artikolu 3(7) tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE, tal-15 ta' Frar 2011, dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE [ĠU L 64, p. 1)] għandu jiġi interpretat bħala [li] jista' jinkorpora investigazzjoni fuq il-post?

c) F'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-mistoqsija 2.b), il-kunċett ta' 'indaġni amministrattiva' li jinsab fl-Artikolu 5(1) tad-[Direttiva 2010/24], jista' jiġi ppreċiżat fuq il-bażi tad-definizzjoni tal-kunċett ta' 'indaġni amministrattiva' li jinsab fl-Artikolu 3(7) tad-[Direttiva 2011/16]?

3) Jekk hemm lok li tingħata risposta fin-negattiv għad-domanda 2.a), għad-domanda 2.b) jew għad-domanda 2.[c]), il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, meħud flimkien mal-Artikolu 167(2) TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jimplika li, meta Stat Membru jitlob l-assistenza lil Stat Membru ieħor fil-kuntest ta' investigazzjoni intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk proprjetà immobbli li [t]insab f'dan l-Istat Membru l-ieħor [t]istax [t]iġi kklassifikat[a] bħala dominju rurali fis-sens ta' liġi li għandha bħala għan il-preservazzjoni u l-protezzjoni tas-siti naturali nazzjonali u tal-patrimonju storiku u kulturali ta' pajjiż, l-Istat Membru rikjest għandu l-obbligu li jipprovdi din l-assistenza?

4) Restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital tista' tiġi ġġustifikata min-neċessità li tiġi ggarantita l-effiċjenza tal-kontrolli fiskali jekk din l-effiċjenza tidher li tista' tkun kompromessa biss mill-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali huma obbligati li jmorru, matul il-perijodu ta' 25 sena msemmija mill-Artikolu 7(1) [tal-Liġi dwar il-protezzjoni ta' siti naturali], fi Stat Membru ieħor sabiex iwettqu l-kontrolli neċessarji?"

## Fuq id-domandi preliminari

16 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 63 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li eżenzjoni minn taxxa fuq id-donazzjonijiet dovuta fir-rigward ta' ċerti siti protetti hija limitata għal dawk is-siti li jinsabu fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru.

17 Skont l-Artikolu 63(1) TFUE, hija pprojbita kull restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

18 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li t-trattament fiskali tad-donazzjonijiet, irrispettivament minn jekk dawn ikunux jikkonċernaw somom ta' flus, proprjetà immobbli jew proprjetà mobbli, huwa kopert mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-moviment tal-kapital, ħlief fil-każijiet fejn l-elementi kostitwenti ta' dawn id-donazzjonijiet ikunu limitati fi ħdan Stat Membru wieħed (ara s-sentenza Mattner, C-510/08, EU:C:2010:216, punt 20).

19 Minn dan jirriżulta li sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn persuna li tirrisjedi fi Stat Membru tagħti b'donazzjoni proprjetà immobbli li tinsab fi Stat Membru ieħor taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 63(1) TFUE.

20 Fil-qasam tat-taxxa tas-suċċessjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-fatt li l-għoti ta' vantaġġi fiskali jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-proprjetà li tkun is-suġġett tas-suċċessjoni tkun tinsab fit-territorju nazzjonali jikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment libertu tal-kapital li, bħala prinċipju, hija pprojbita mill-Artikolu 63(1) TFUE (ara s-sentenza Jäger, C-256/06, EU:C:2008:20, punti 28 sa 35). Bl-istess mod, fil-każ ta' donazzjonijiet, miżuri li jkollhom l-effett li jnaqqsu l-valur tad-donazzjoni ta' resident ta' Stat Membru li ma jkunx dak li fit-territorju tiegħu tkun tinsab il-proprjetà kkonċernata u li jintaxxa d-donazzjoni ta' din il-proprjetà jikkostitwixxu wkoll tali restrizzjoni (ara s-sentenza Mattner, EU:C:2010:216, punt 26).

21 Għaldaqstant, peress li dispożizzjonijiet nazzjonali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jissuġġettaw l-applikazzjoni ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq id-donazzjonijiet għall-kundizzjoni li l-proprjetà immobbli kkonċernata tkun tinsab fit-territorju nazzjonali, l-oneru fiskali iktar sinjifikattiv impost fuq id-donazzjoni magħmula minn persuna residenti fi Stat Membru meta din id-donazzjoni tikkonċerna proprjetà immobbli li tinsab fi Stat Membru ieħor jikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital.

22 Sabiex tali restrizzjoni tkun tista' titqies li hija kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, huwa b'mod partikolari meħtieġ li d-differenza fit-trattament tikkonċerna sitwazzjonijiet li ma jkunux oġġettivament paragunabbli, fejn din in-natura paragunabbli għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-għan u tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali (ara s-sentenza X Holding, C-337/08, EU:C:2010:89, punti 20 u 22).

23 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dan huwa l-każ fil-kawża inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

24 Fl-fatt, l-għan tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-donazzjonijiet prevista mir-regoli tal-Pajjiżi l-Baxxi inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa li l-integrità tad-dominji rurali tipiċi tal-kampanja tradizzjonali tal-Pajjiżi l-Baxxi ("landgoed") tiġi protetta kontra d-diviżjonijiet jew l-iżnaturament li jistgħu jirriżultaw mill-obbligu li fih jistgħu jsibu ruħhom id-donatarji, sabiex iħallsu t-taxxa imposta fuq dan it-trasferiment, li jaqsmu dominju sabiex jittrasferixxu parti minnu jew li jesplojtawh b'mod li jippreġudika n-natura speċifika tiegħu.

25 Għaldaqstant, il-vantaġġ fiskali marbut mat-trasferiment ta' "landgoed" għandu, kif tosserva l-qorti tar-rinviju stess, l-għan li jħares is-siti naturali nazzjonali, li jinkludi l-għan li jitħares il-patrimonju kulturali u storiku. Dan l-għan jista', b'mod partikolari, jinstilet kemm mid-definizzjoni tad-dominju rurali li tinsab fl-Artikolu 1(1)(a) tal-Liġi dwar il-protezzjoni ta' siti naturali u li tipprovdi li l-erja li fuqha tkun tinsab dar jew bini ieħor inerenti għan-natura tad-dominju tista' titqies bħala li tagħmel parti integrali mid-dominju, u kemm mid-definizzjoni ta' "residenza" li tagħmel parti minn "landgoed" li tinsab fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni u li tipprovdi li l-kumpless għandu jkun imdawwar bi ġnien jew b'park storiku li l-istabbiliment tiegħu jippreċedi l-1850 u għandu jkun ikkostitwit minn, minn tal-inqas, element wieħed li jikkostitwixxi monument ikklassifikat fis-sens tal-Artikolu 6(1) tal-Liġi tal-1988 dwar il-monumenti storiċi.

26 Mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-donazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna dominju li jinsab fir-Renju Unit ta' madwar 18-il ettaru u li jinkludi monumenti kklassifikati skont il-leġiżlazzjoni applikabbli f'dan l-Istat Membru tal-aħħar.

27 Madankollu, fid-dawl tal-għan segwit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, persuna taxxabbli li tkun qiegħda tikkunsidra li tagħti b'donazzjoni "landgoed" li jinkludi "residenza" ma tistax titqies li hija f'sitwazzjoni oġġettivament paragunabbli għal dik ta' persuna taxxabbli li tkun qiegħda tikkunsidra, bħalma huwa l-każ fil-kawża prinċipali, li tagħti b'donazzjoni dominju li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, anki jekk dan ikun jinkludi monumenti kklassifikati skont il-leġiżlazzjoni applikabbli f'dan l-Istat Membru tal-aħħar. Fil-fatt, peress li l-vantaġġ fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa intiż li jħares l-integrità ta' ċerti dominji li jagħmlu parti mill-patrimonju kulturali u storiku nazzjonali, l-iżvantaġġ li jirriżulta minn dan għal persuna taxxabbli li tkun tinsab fit-tieni waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet huwa għaldaqstant inerenti għall-għan segwit mil-leġiżlatur tal-Pajjiżi l-Baxxi.

28 Kif intqal fil-punt 33 tas-sentenza mogħtija llum stess fil-Kawża X (C-87/13), il-konklużjoni tista' tkun differenti biss fil-każ li tali persuna taxxabbli tistabbilixxi li proprjetà, minkejja li tinsab fit-territorju ta' Stat li ma huwiex ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tikkostitwixxi xorta waħda element tal-patrimonju kulturali u storiku tal-Pajjiżi l-Baxxi, u li dan il-fatt huwa ta' natura li jintitola lil din il-proprjetà, li kieku ma kienx għall-fatt li ma tinsabx fit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi, għal protezzjoni taħt il-Liġi dwar il-protezzjoni ta' siti naturali.

29 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula hija li l-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li eżenzjoni minn taxxa fuq id-donazzjonijiet dovuta fir-rigward ta' ċerti proprjetajiet protetti minħabba li jappartjenu lill-patrimonju kulturali u storiku nazzjonali hija limitata għal dawk il-proprjetajiet li jinsabu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, sakemm din l-eżenzjoni ma tkunx eskluża fir-rigward tal-proprjetajiet li jistgħu jkunu marbuta mal-patrimonju kulturali u storiku tal-imsemmi Stat Membru minkejja l-fatt li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stat ieħor.

**Fuq l-ispejjeż**

30 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li eżenzjoni minn taxxa fuq id-donazzjonijiet dovuta fir-rigward ta' ċerti proprjetajiet protetti minħabba li jappartjenu lill-patrimonju kulturali u storiku nazzjonali hija limitata għal dawk il-proprjetajiet li jinsabu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, sakemm din l-eżenzjoni ma tkunx eskluża fir-rigward tal-proprjetajiet li jistgħu jkunu marbuta mal-patrimonju kulturali u storiku tal-imsemmi Stat Membru minkejja l-fatt li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stat ieħor.**

Firem